

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell,
COM(2008) 442/4

2008/xxxx (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni u (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) biex tiġi stabbilita Skema ta' Frott għall-iskejjel

(imressqa mill-Kummissjoni)

(SEG(2008) 2225)
(SEG(2008) 2226)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/2007, li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward is-settur tal-frott u l-ħxejjex, ta lok għal riforma wiesgħa tas-settur tal-frott u l-ħxejjex sabiex jippromwovi l-kompettività u l-orjentazzjoni tas-settur u sabiex iqarrbu iktar lejn il-bqija tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) riformata. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tar-reġim riformat hu li titreġġa' lura xejra tal-konsum li qed jonqos tal-frott u l-ħxejjex.

L-għanijiet tal-PAK preskritti fl-Artikolu 33 tat-Trattat jinkludu l-istabilizzazzjoni tas-swieq, l-assigurazzjoni tad-disponibbiltà tal-provvisti u l-iżgurar li l-provvisti jilħqu lill-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli. Il-forniment ta' l-għajnuna tal-Komunità fil-kuntest ta' Skema tal-Frott għall-Iskejjel li tipprovdi prodotti tal-frott, tal-ħaxix u tal-banana lill-istudenti fl-istabbilimenti edukattivi jilħaq dawn l-għanijiet. Barra minn hekk, l-Iskema għandha thegġegħ lill-konsumaturi ż-żgħar japprezzaw l-frott u l-ħxejjex'

Fid-dawl ta' dan, l-għan ġenerali ta' Skema ta' Frott (u ħxejjex) għall-Iskejjel fuq livell Ewropew hu speċifiku sabiex jipprovdi politika u qafas ta' l-iffinanzjar għall-inizjattivi ta' l-Istat Membru mmirati lejn żieda li ttul iż-żmien tal-porzjon ta' frott u ħxejjex fid-dieti tat-tfal, fl-istadju meta jiffurmaw l-abitudnijiet ta' l-ikel. Din għandha tirrapreżenta investiment għall-ġejjieni, billi tgħin biex tevita jew tnaqqas l-ispiża tas-saħħa li tirriżulta minn dieta ħażina. Barra minn hekk, l-impatt pożittiv fuq il-konsum jista' jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-PAK.

Peress illi l-obeżità għandha t-tendenza tinġemgħa qalb gruppi soċjali żvantaġġati, l-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel għandu jkollha impatt pożittiv ukoll, fit-tnaqqis ta' l-inugwaljanzi tas-saħħa.

L-importanza tal-konsum tal-frott u l-ħxejjex bħala parti mid-dieta b'saħħitha hi enfasizzata fil-White Paper tal-Kummissjoni "Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-Nutrimet, il-Piż Żejjed u l-Obeżità" li tenfasizza fuq il-bżonn ta' azzjoni koerenti fuq livell Ewropew u li tiġbed l-attenzjoni dwar ir-rwol li jista' jkollha l-PAK fit-tfassil ta' dieta Ewropea, speċjalment li tikkumbatti l-obeżità u l-piż żejjed. Tiddikjara li "*Skema tal-Frott fl-Iskejjel għandha tkun pass fid-direzzjoni ġusta*". F'dan il-kuntest, l-Artikolu 152(1) tat-Trattat jesiġi li "Livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa umana għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-istrateġiji u l-attivitajiet kollha Komunitarji."

Meta approva r-riforma ta' l-OKS tal-Frott u l-ħxejjex, il-Kunsill iddikjara li ġej: "*Fid-dawl taż-żieda drammatika fl-obeżità fost it-tfal ta' l-iskola, li kienet enfasizzata fil-White Paper li l-Kummissjoni ħarġet dan l-aħħar (...) il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għal skema ta' frott għall-iskejjel mill-iktar fis possibbli abbażi ta' valutazzjoni ta' l-impatt tal-benefiċċji, Prattikabbiltà u spejjeż amministrattivi involuti*".

Fir-rapport tiegħu dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2008, il-Parlament Ewropew "*jerġa' jisħaq dwar l-impenn sħiħ tiegħu għall-allokazzjoni ta' fondi mill-baġit, kif xieraq, għal frott u ħxejjex fl-iskejjel... jesprimi l-istagħġib tiegħu li l-Kunsill ma implimentax l-impenji tiegħu... billi joħloq linja ġdida u riżerva fil-baġit; sakemm tiġi stabbilita bażi legali; isejjaħ lill-Kummissjoni biex tressaq proposta leġiżlattiva... kif stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Agrikoltura f' Ġunju 2007*".

Skond l-impenn li sar biex jittejjeb ir-regolament, il-Kummissjoni evalwat l-impatt ta' erba' għażliet possibbli għal Skema ta' Frott għall-Iskejjel: "Status quo" li ma jinkludi l-ebda azzjoni addizzjonali mill-Komunità, "Netwerking" li jinkludi skambji ta' esperjenza u ħila, u azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni; "Inizjattivi t'Appoġġ" li jinkludu inizjattivi

għall-promozzjoni tal-konsum ta' frott u ħxejjex fl-iskejjel bi provvista tal-prodotti tiġi eskluża mill-iffinanzjar ta' l-UE; "Inizjattivi ta' Impetu" jistabbilixxu qafas waħdieni, flessibbli ta' l-UE għall-prodotti lill-istudenti, monitoraġġ u evalwazzjoni u wkoll azzjonijiet komplimentari. Il-Valutazzjoni ta' l-Impatt ikkonkludiet li l-"Inizjattivi ta' Impetu" (għażla 4) tidher li hi l-aktar adattata biex jinkisbu l-għanijiet fil-mira.

F'dan il-kuntest il-Kummissjoni tipproponi li titwaqqaf Skema ta' Frott għall-Iskejjel li, għall-effettività massima, tiġbor flimkien it-tliet għażliet f'pakkett t'appoġġ reċiproku. Tinkludi dawn l-elementi:

- **tqassim b'xejn ta' frott u ħxejjex** fl-iskejjel (bħala parti mill-għażla "inizjattivi ta' impetu"). L-għajnuna tal-Komunità għandha tingħata sabiex tikkofinanzja l-provvista ta' frott u ħxejjex għal studenti tal-grupp elementari ta' l-età bejn 6-10 snin fi stabbilimenti edukattivi (skejjel), il-loġistika u monitoraġġ u evalwazzjoni relatati. Għal dan l-iskop, hu propost li tingħata allokkazzjoni baġitarja ta' EUR 90 miljun taħt it-Titolu I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007. Għandha tippermetti estensjoni ta' l-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel (SFS) eżistenti f'xi Stati Membri, u l-istabbiliment ta' programmi fl-Istati Membri (SM) li ma għandhomx dawn il-programmi, spiss minħabba mezzi baġitarji limitati. Ir-rata ta' kofinanzjament tal-Komunità tkun flivell ta' 50% u 75% fir-reġjuni ta' konverġenza;
- **miżuri ta' akkumpanjament.** L-Istati Membri għandhom l-obbligu, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, li jiżviluppaw strateġija f' konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika u edukattivi, l-industrija u l-partijiet interessati. L-istrateġija għandha tistabbilixxi l-aqwa mod kif l-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel tista' tkun implimentata u integrata fil-kurrikulu ta' l-iskejjel. Bħala parti mill-implimentazzjoni se jkun hemm l-obbligu li jiġi enfasizzat l-involviment ta' l-UE. Il-miżuri ta' akkumpanjament għandhom ikunu primarjament finanzjati fuq livell nazzjonali;
- **attivitajiet ta' netwerking**, li jimmotivaw l-iskambju ta' informazzjoni u taġhrif fost il-figuri ewlenin ta' l-SFS u li jstimulaw l-għarfien pubbliku (kif ippreżentat fl-għażla 2 "netwerking"). Din l-allokkazzjoni għandha tammonta għal EUR 1.3 miljun;
- **promozzjoni ta' prodotti agrikoli**, li tista' tkun appoġġjata fil-qafas tal-promozzjoni ta' l-UE ta' prodotti agrikoli (kif ippreżentat fl-għażla 3 "inizjattivi appoġġjati"). Partikolarment, l-Istati Membri jistgħu jużaw dan il-qafas biex iwettqu l-azzjonijiet komplimentari meħtieġa, maħsuba sabiex jitqajjem għarfien dwar l-effetti pożittivi tal-konsum tal-frott u l-ħxejjex. Ir-riforma riċenti tal-frott u l-ħxejjex żiedet il-baġit indikattiv għall-promozzjoni ta' dawn il-prodotti b' EUR 6 miljun;
- **il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.** Bl-iskop li tiġi stabbilita dejta soda għal iktar riċerka dwar l-effikaċja ta' l-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel fil-varjanti differenti tagħha u għall-iskambju ta' l-"aqwa prassi", il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni għandhom jiffurmaw parti integrali ta' skema ta' l-UE.

L-iskemi kollha għandhom jinkludu konsegwentament it-tliet elementi:

- it-tqassim b'xejn tal-frott (u/jew ħaxix) fi stabbilimenti edukattivi (skejjel),
- sensiela ta' miżuri ta' akkumpanjament,
- il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

Il-proposta hi akkumpanjata minn Valutazzjoni ta' Impatt, abbozzata mill-Grupp ta' bejn is-Servizzi biex tiżgura l-kompatibilità bejn il-politiki rilevanti tal-Komunità.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni u (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) biex tiġi stabbilita Skema ta' Frott għall-iskejjel

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 36 u 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/2007², li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward is-settur tal-frott u l-ħxejjex, ta lok għal riforma wiesgħa tas-settur tal-frott u l-ħxejjex sabiex jippromwovi l-kompettività u l-orjentazzjoni tas-settur u jqarrbu iktar lejn il-bqija tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) riformata. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tar-reġim riformat hu li titreggħa' lura xejra tal-konsum li qed jonqos tal-frott u l-ħxejjex.
- (2) L-għanijiet tal-PAK preskritti fl-Artikolu 33 tat-Trattat jinkludu l-istabilizzazzjoni tas-swieq, l-assigurazzjoni tad-disponibilità tal-provvisti u l-iżgurar li l-provvisti jilhqgħu lill-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli. Il-forniment ta' l-għajnuna tal-Komunità fil-kuntast ta' Skema tal-Frott għall-Iskejjel li ttiprovdi prodotti tal-frott, tal-ħaxix u tal-banana lill-istudenti fl-istabbilimenti edukattivi jilħaq dawn l-għanijiet. Barra minn hekk, l-Iskema għandha ġġiegħel konsumaturi żgħar japprezzaw il-frott u l-ħxejjex u għalhekk għandha żżid il-konsum għall-ġejjieni permezz tad-dħul mill-promozzjoni fl-agrikoltura, huwa wieħed mill-għanijiet tal-PAK ukoll. Mhux biss, skond l-Artikolu 35(b) tat-Trattat, jista' jsir provvediment għal azzjonijiet konġunti fil-qafas tal-politika agrikola komuni, bħal per eżempju Skema ta' Frott għall-Iskejjel, sabiex tippromwovi l-konsum ta' ċerti prodotti.
- (3) Barra dan, l-Artikolu 152(1) tat-Trattat jesiġi li "Livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa umana għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-istrateġiji u l-

¹ ĠU C ..., ..., p.

² ĠU L 273, 17.10.2007, p. 1.

attivitajiet kollha Komunitarji.” Il-benefiċċji għas-saħħa ċari ta' l-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel huma aspetti li għandhom jiġu integrati fl-implimentazzjoni tal-PAK.

- (4) F' dan il-kuntest, l-importanza tal-kosum tal-frott u l-ħxejjex bħala parti mid-dieta b'saħħitha hi enfasizzata fil-White Paper tal-Kummissjoni "Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-Nutriment, il-Piż Żejjed u l-Obeżità" li tenfasizza fuq il-bżonn ta' azzjoni koerenti fuq livell Ewropew u li tiġbed l-attenzjoni dwar ir-rwol li jista' jilgħab il-PAK fit-tfassil ta' dieta Ewropea, speċjalment li tikkumbatti l-obezià u l-piż żejjed. Tistqarr li *"Skema tal-Frott fl-Iskejjel għandha tkun pass fid-direzzjoni ġusta"*.
- (5) Meta ġie addottat ir-Regolament (KE) Nru 1182/2007, il-Kunsill iddikjara kif ġej: "Fid-dawl taż-żieda drammatika fl-obezià fost it-tfal ta' l-iskola, li kienet enfasizzata fil-White Paper li l-Kummissjoni ħarġet dan l-aħħar (...) il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għal skema ta' frott għall-iskejjel mill-iktar fis possibbli abbażi ta' valutazzjoni ta' l-impatt tal-benefiċċji, prattikabbiltà u spejjeż amministrattivi involuti."
- (6) Għalhekk jeħtieġ li jsir provvediment għal għajjnuna tal-Komunità biex tikkofinanzja l-provvista lill-istudenti fi stabbilimenti edukattivi ta' ċerti prodotti għas-saħħa tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex, frott u ħaxix ipproċessat u tal-banana u wkoll għal ċerti spejjeż relatati mal-loġistika, tqassim, tagħmir, komunikazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' l-Iskema.
- (7) Sabiex jiżguraw implimentazzjoni ordnata ta' l-Iskema ta' Frott għall-iskejjel, l-Istati Membri, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, li jixtiequ jagħmlu użu minnha għandhom iħejju strateġija minn qabel. Għandhom jipprovdu wkoll azzjonijiet komplimentari rekwiżiti biex jagħmlu l-iskema effettiva.
- (8) Sabiex l-impatt globali ta' azzjonijiet nazzjonali simili ma jkunux limitati, l-Istati Membri għandhom ukoll jitħallew jagħtu għajjnuna addizzjonali għall-provvista tal-prodotti u l-ispejjeż relatati u l-miżuri ta' akkumpanjament u l-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel fil-Komunità għandha tkun bla preġudizzju lil kwalunkwe skema nazzjonali separata ta' frott għall-iskejjel separata li ttrispetta l-liġi tal-Komunità. Madankollu, sabiex ikun żgurat effett prattiku ta' l-Iskema tal-Komunità, ma għandhiex tissostitwixxi l-iffinanzjar preżenti għall-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel nazzjonali eżistenti jew skemi oħra ta' tqassim fl-iskejjel li jinkludu l-frott.
- (9) Sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni baġitarja soda, għandhom jiġu provduti limiti fissi ta' għajjnuna tal-Komunità u rati massimi ta' kofinanzjament u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-iskema għandha tiżdied mal-lista ta' azzjonijiet eliġibbli għall-iffinanzjar ta' l-EAGF stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni³.
- (10) Sabiex tippermetti żmien għall-implimentazzjoni bla xkiel ta' l-Iskema, din għandha tapplika mis-sena skolastika 2009/10. Għandu jintbagħat rapport dwarha wara tliet snin.

³ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1437/2007 (ĠU L 322, 7.12.2007, p. 1).

- (11) Sabiex tagħmel l-iskema aktar effiċjenti, il-Komunità għandha tkun kapaċi tiffinanzja l-azzjonijiet ta' informazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni, u ta' netwerking relatati ma' l-iskema ta' Frott għall-Iskejjejl u l-għanijiet tagħha, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tagħha li tikkofinanzja, fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' tixrid ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi⁴ miżuri neċessarji ta' akkumpanjament biex jitrawwem għarfien dwar l-effetti pożittivi għas-saħħa mill-konsum ta' frott u ħxejjex.
- (12) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 huma integrati fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007⁵ b'effett mill-1 ta' Lulju 2008 permezz tar-Regolament (KE) Nru 361/2008⁶.
- (13) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 1234/2007 għandhom għalhekk jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005

Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, żdied il-punt (f) kif ġej:

"(f) il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-iskema ta' Frott għall-Iskejjejl kif imsemmi fl-Artikolu 103ga(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007(*).

(*) ĠU L 299,16.11.2007, p. 1.

Artikolu 2

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007

Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 hu emendat kif ġej:

(1) Is-Sezzjoni IVa li ġejja tal-Kapitolu IV tat-Titlu I tal-Parti II hi emendata kif ġej:

(a) Is-Subsezzjoni IIa tiddaħħal wara l-Artikolu 103g.

SUBSEZZJONI IIa

L-ISKEMA TA' FROTT GĦALL-ISKEJJEL

Artikolu 103ga

Għajnuna għall-provvista tal-prodotti tal-frott u ħxejjex u banana lill-istudenti

1. Skond kundizzjonijiet li għad iridu jiġu determinati mill-Kummissjoni, mis-sena skolastika 2009/10, għandha tingħata għajnuna mill-Komunijta

⁴ ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1.

⁵ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru .../2008 (ĠU L ...,2008, p. ...).

⁶ ĠU L 121, 7.5.2008, p. 1.

għall-provvisti lill-istudenti fl-istabbilimenti edukattivi ta' ċerti prodotti mis-setturi tal-frott u fxejjex u tal-banana li għad iridu jiġu determinati mill-Kummissjoni u jistgħu jingħataw ukoll għal ċerti spejjeż relatati mal-loġistika, tqassim, tagħmir, komunikazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni.

2. L-Istati Membri, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, li jixtiequ jipparteċipaw fl-iskema għandhom iħejju strateġija minn qabel għall-implimentazzjoni tagħha. Għandhom jipprovdu wkoll azzjonijiet komplimentari neċessarji biex jagħmlu l-iskema effettiva.
3. L-għajnuna tal-Komunità kif imsemmi fil-paragrafu 1 m'għandhiex
 - (a) taqbeż EUR 90 miljun kull sena skolastika,
 - (b) taqbeż il-50% ta' l-ispejjeż tal-provvista u ta' l-ispejjeż relatati kif imsemmi fil-paragrafu 1, jew 75% ta' dawn l-ispejjeż fir-reġjuni eliġibbli skond l-Għan ta' Konverġenza.
 - (c) tkopri spejjeż oħra apparti l-ispejjeż tal-provvista kif imsemmi fil-paragrafu 1, u
 - (d) tintuża biex tissostitwixxi l-iffinanzjar preżenti għal kwalunkwe skema ta' frott għall-iskejjel nazzjonali eżistentjali jew skemi oħra ta' tqassim fl-iskejjel li jinkludu l-frott.

L-Għan ta' Konverġenza għandu jfisser l-għan ta' l-azzjoni għall-Istati Membri u reġjuni l-inqas żviluppati skond il-leġiżlazzjoni tal-Komunità li tirregola l-Fond ta' l-Iżvilupp Reġjonali Ewropew, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013.

4. L-Istati Membri jistgħu, apparti mill-għajnuna tal-Komunità, jagħtu għajnuna nazzjonali għall-provvista tal-prodotti u l-ispejjeż relatati kif imsemmi fil-paragrafu 1. Jistgħu jagħtu wkoll għajnuna nazzjonali għall-iffinanzjar ta' azzjonijiet komplimentari kif imsemmi fil-paragrafu 2.
 5. L-iskema ta' frott għall-iskejjel tal-Komunità għandha tkun bla preġudizzju għal kwalunkwe skema ta' frott għall-iskejjel nazzjonali eżistenti li jirrispettaw il-liġi tal-Komunità.
 6. Il-Komunità tista' tiffinanzja wkoll, skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, azzjonijiet ta' informazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni relatati ma' l-iskema tal-Frott fl-Iskejjel, li jinkludu t-trawwim ta' l-għarfien pubbliku dwarha, u azzjonijiet ta' netwerking relatati.
- (b) l-intestatura li ġejja tiddaħħal qabel l-Artikolu 103h

"SUBSEZZJONI III DISPOŻIZZJONIJIET TA' PROĊEDURA

- (c) Fl-Artikolu 103h, żdied il-punt li ġej.

"(f) dispożizzjonijiet dwar l-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel kif imsemmi fl-Artikolu 103ga, li jinkludu lista ta' prodotti konċernati, l-allokazzjoni ta' l-għajjnuna bejn l-Istati Membri, amministrazzjoni finanzjarja u baġitarja, u l-ispejjeż relatati, strateġiji nazzjonali, azzjonijiet komplimentari u azzjonijiet ta' informazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni u netwerking.

(2) Fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 180, "103ga" jiddaħħal wara "103e".

(3) Fl-Artikolu 184, jiddaħħal il-punt 6 li ġej:

"6) qabel il-31 ta' Awissu 2012 lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' l-Iskema ta' Frott għall-Iskejjel preskritta fl-Artikolu 103ga, akkumpanjat, jekk meħtieġ, bi propositi xierqa. Ir-rapport għandu partikularment jindirizza il-kwistjonijiet ta' vastità li biha l-iskema ppromwoviet l-istabbiliment ta' skema ta' frott għall-iskejjel li jiffunzjonaw tajjeb fl-istati Membri u l-impatt ta' l-Iskema fuq it-titjib ta' l-abitudnijiet ta' l-ikel tat-tfal".

Artikolu 3

Id-Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA

1. INTESTATURA TAL-BAĠIT 05 02 08 12 (linja li għandha tinholq) 05 08 09		APPROPRJAZZJONIJI ET – p.m. (2008) 2 Miljun € (PDB 2009)		
2. TITLU Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni u (KE) Nru 1234/2007 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Regolament Waħdieni ta' l-OKS) biex tiġi stabbilita Skema ta' Frott għall-Iskejjel				
3. BAŻI LEGALI L-Artikoli 36 u 37 tat-Trattat				
4. MIRI Jiġu provduti prodotti tal-frott, ħxejjex u banana lill-istudenti fl-istabbilimenti edukattivi, li b'hekk jiżdid il-konsum għall-ġejjieni u jgħin is-swieq jistabilizzaw.				
5. IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (EUR miljun)	IS-SENA FINANZJARJA ATTWALI 2008 (EUR miljun)	IS-SENA FINANZJARJA LI JMISS 2009 (EUR miljun)	
5.0 NEFQA – IMĦALLSA MILL-BAĠIT TAL-KE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) – AWTORITAJIET NAZZJONALI – OĦRAJN	+91,3	–	–	
5.1 DĦUL – RIŻORSI TAL-KE STESS (DĦUL MILL-ĠBIR TAT-TAXXI / DAZJI DOGONALI) – NAZZJONALI	–	–	–	
	2010	2011	2012	2013
5.0.1 NEFQA STMATA	+91,3	+91,3	+91,3	+90,3
5.1.1 DĦUL STMAT	–	–	–	–
5.2 METODU TA' KALKOLU –				
6.0 JISTA' L-PROĠETT JIĠI FINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RELEVANTI TAL-BAĠIT PREŻENTI?				IVA LE
6.1 JISTA' L-PROĠETT JIĠI FINANZJAT BI TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT PREŻENTI?				IVA LE
6.2 HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?				IVA LE
6.3 SE JKUN HEMM BŻONN LI JIDĦLU APPROPRJAZZJONIJIET FIL-BAĠITS TAL-ĠEJJIENI?				IVA LE
OSSERVAZZJONIJIET				
1)	Provvista ta' prodotti	€90 Mijun		
2)	Netwerking			
	2010 – 2011 – 2012	= € 1 Miljun		
	+ konferenza annwali (kull sena)	= € 0,3 Miljun		